MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 2059/2000/1

**Laura mart Emanuel Formosa u l-istess Emanuel Formosa, Karen Frendo u Paula Frendo**

**v.**

**Emanten Spiteri u Gerald Sultana**

**Il-Qorti:**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenut Gerald Sultana, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ April 2005. F’din il-kawza l-atturi qeghdin

jitolbu li l-konvenut Emanten Spiteri, xufier tax-xarabank FBY – 712, jigi ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh nhar il-15 ta' Ottubru 1998, f'liema incident David Frendo, missier l-atturi ahwa bniet Frendo, safa mtajjar u aktar tard miet minhabba l-griehi li garrab fl-istess incident. Huma talbu wkoll illi jigu likwidati d-danni kagunati lill-atturi. L-atturi qeghdin jitolbu wkoll li l-konvenut l-iehor, Gerald Sultana, jigi ddikjarat responsabbli ghall-istess danni peress illi naqas milli jkopri lill-konvenut l-iehor Emanten Spiteri taht il-polza ta' assigurazzjoni mahruga fuq ix-xarabank FBY – 712. L-atturi qeghdin jitolbu illi z-zewg konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi *in solidum* bejniethom id-danni hekk likwidati.

2. Is-sentenza appellata hija din:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-28 ta' Settembru, 2000, li in forza taghha, wara li eccepew illi:

"Fil-waqt li l-konvenut Emanten Spiteri kien qed isuq xarabank FBY-712 nhar il-15 ta' Ottubru, 1998 fl-Imsida, huwa tghajjar lil David Frendo.

"Per konsegwenza tal-feriti li garrab, l-istess David Frendo miet.

"Ghall-istess incident kien unikament responsabbli l-istess Emanten Spiteri *stante* negligenza, traskuragni, imperizja, imprudenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

"L-atturi Laura Formosa, Karen Frendo u Paula Frendo huma t-tfal u l-eredi tal-istess David Frendo.

"Il-konvenut l-iehor Gerald Sultana huwa l-proprietarju tal-istess xarabank involuta fl-incident *"de quo"*.

"Il-polza ta' assikurazzjoni ma kienitx tkopri s-sewqan tax-xarabank *da parti* tal-konvenut l-iehor Emanten Spiteri u l-

assikurazzjoni tieghu qed tirrifjuta li thallas d-danni kagunati.

“Il-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex jaddivjenu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom kagunati, huma baqghu inadempjenti.

“Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. tiddikjara lil konvenut Emanten Spiteri unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar il-15 ta’ Ottubru, 1998 meta fil-waqt li kien qed isuq xarabank FBY-712, huwa tghajjar lil David Frendo per consegwenza li miet, liema incident sehh minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, imprudenza u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku *da parti* unikament tieghu.

“2. tillikwida d-danni kagunati lill-atturi *occorendo* permess ta’ periti nominandi.

“3. tiddikjara lil Gerald Sultana responsabbli ghal-istess danni *stante* n-nuqqas tieghu li jara li l-konvenut Emanten Spiteri bhala xufier kien kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni mahruga fuq ix-xarabank FBY-712.

“4. tikkundanna lil konvenut *in solidum* jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati *in linea* ta’ danni.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta’ Ottubru, 1999 u 28 ta’ Settembru, 2000 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tax-xarabank, u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti mill-lum ingunti ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Gerald Sultana li in forza taghha hu eccepixxa illi:

“1. Preliminarjament illi l-atturi jridu jgibu l-prova definittiva li huma lkoll l-eredi tad-*decujus*;

“2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk jirrizulta li l-atturi Laura Formosa, Karen Frendo u Paula Frendo huma t-tfal u l-eredi tad-*decujus*, ghandu jirrizulta li l-attur Emanuel Formosa ma ghandux interess guridiku sabiex jippromwovi l-azzjoni attrici;

“3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li l-esponenti ma kienx prezenti fil-mument ta’ l-incident *de quo* u ghalhekk lanqas huwa responsabbli ghall-istess incident;

“4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti lanqas huwa responsabbli ghad-danni mitluba;

“5. Salv eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Rat li l-konvenut Emanten Spiteri naqas li jressaq nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi;

“Rat li l-kawza kienet giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Illi din il-kawza tikkoncerna incident tat-traffiku li sehh fil-15 ta’ Ottubru, 1998, gewwa Triq il-Marina, Msida, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofs inhar. Dak inhar, xarabank numru FBY-712, proprjeta’ tal-konvenut Gerald Sultana, kienet qed tkun misjuqa mill-konvenut l-iehor Emanten Spiteri, li kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Msida. L-incident sehh meta l-aventi kawza tal-atturi, certu David

Frendo, kien qed jaqsam minn fuq iz-zebra-*crossing* li hemm f'dik it-triq. Dik iz-zebra-*crossing* hija kontrollata bi *traffic lights*. Irrizulta mill-provi li meta t-*traffic lights* indikaw ahmar ghall-vetturi u ahdar ghal min irid juza l-istess *crossing*, David Frendo beda jaqsam it-triq minn fuq iz-zebra-*crossing*; *oltre* l-kulur ahdar ghall-*pedestrians*, dawn it-*traffic lights* jaghmlu hoss qiesu ta' suffara intermittenti biex ikompli jindikaw li dak kien il-mument li fih *pedestrian* kellu jaqsam. Mad-dawl ahmar fit-triq, it-traffiku waqaf, *pero'*, il-konvenut Spiteri, li ammetta mal-Pulizija li hu kien ra d-dawl ahmar, ghafas il-*breaks* tal-*bus* li, *pero*`, ma zammitx, skiddjat u laqtet lill-imsemmi David Frendo. Dan sofra griehi kbar b'rizultat tal-incident, tant li dak inhar stess filghaxija miet. Ix-xarabank *in kwistjoni*, ftit wara l-incident, kienet giet ezaminata mill-espert mekkaniku mahtur mill-Magistrat Inkwerenti, certu Joseph Zammit, li ma sab ebda difett fiha, iddikjaraha *in road worthy condition* u rrallaxjaha lill-sidha.

"Ghar-rigward tar-responsabilita` ghall-incident, din il-Qorti, minghajr ebda esitazzjoni, issib li ghall-incident *in kwistjoni* jahti s-sewwieq tax-xarabank, il-konvenut Spiteri. Jidher li dan kien qed isuq ix-xarabank bla qies u minghajr attenzjoni, u forsi wkoll bi *speed* naqra qawwi, tant li meta ra d-dawl ahmar fit-*traffic lights*, inhasad u ghafas il-*breaks* f'daqqa – kien ghalhekk li ma waqafx mil-ewwel, skidja u baqa' ghaddej sa ma ta' daqqa sew lil David Frendo. It-*traffic lights in kwistjoni* qieghdin f'sitwazzjoni li min ikun gej mid-direzzjoni ta' Blata l-Bajda, jilhaq jarahom sew qabel ma jiddeciedi li jieqaf jew jibqa' jsuq skond il-kulur tad-dawl; fi kliem iehor, dawn il-*lights* mhumiex wara xi kantuniera fit-triq, imma huma vizzibbli minn certu distanza ghall-vetturi li jkun ghaddejja f'dik it-triq. *Inoltre,* id-dwal ma jaqilbux minn ahdar ghall-ahmar mil-ewwel, izda l-ewwel jaqilbu ghall-orango biex jaghtu pre-avviz lis-sewwieqa li ftit sekondi wara jkunu se jaqilbu ghall-ahmar. Il-konvenut Spiteri donnu ma indunax lanqas b'dan, ghax kif iddeskriva l-incident mal-Pulizija, hu jidher li nduna bid-dawl meta dawn qalbu ghal-ahmar. Jidher ovvju ghal din il-Qorti li l-konvenut Spiteri ma kienx qed izomm *a proper look out*, u s-sewqan tieghu jidher li kien negligenti jekk mhux addiritura perikoluz. Ix-

xarabank li kellu f'idejh kienet f'kundizzjoni tajba, *pero'*, s-sewqan tieghu kien goff. Din il-Qorti titenta tahseb li l-konvenut ma kienx bi hsiebu jieqaf fuq l-ahmar, izda nhasad meta ra lil David Frendo fuq iz-zebra-*crossing* quddiemu; hu pprova irazzan il-vettura, *pero'*, xarabank misjuqa b'certu *speed* ma tieqafx malajr, u spicca li laqat fatalment li dak il-*pedestrian* li kien qed jaqsam iz-zebra-*crossing*. Jirrizulta, fil-fatt, li l-konvenut Spiteri waqaf wara li laqghat lil Frendo u waqaf 'l hemm mil-*lights*. Mir-rizultat tal-awtopsja li saret fuq l-imsemmi Frendo, gie konkluz li dan miet b'xokk b'rizultat ta' incident automobilistiku.

*"Kwindi*, il-konvenut Emanten Spiteri ghandu jigi dikjarat responsabbli ghall-incident li fih miet David Frendo.

"Ghar-rigward tar-responsabilita' tas-sid tal-*bus*, il-konvenut Sultana, jirrizulta li, fuq talba tieghu stess, ix-xarabank *in kwistjoni* kien giet inxurjata mhux fuq *"any driver"*, izda biss jekk tinsaq minnu jew minn certu Emanuel Schembri; dik il-vettura ma kienetx koperta b'assikurazzjoni biex tinstaq mill-konvenut Spiteri. B'rizultat ta' dan, huwa wisq probabbli li l-kumpanija assikuratrici tax-xarabank ma tkoprix il-fatalita' li sehhet b'rizultat ta' dan l-incident. Kaz simili kien il-meritu tal-kawza <u>"Schembri vs Davies et"</u>, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Gunju, 1955. Hemmhekk ukoll, sid il-vettura kien ippermetta li l-vettura tieghu tinstaq ghal-skop li ma kienx kopert b'assikurazzjoni: ghall-incident li sehh meta l-vettura kienet hekk qed tinsaq, il-Qorti sabet responsabbli lis-sewwieq u, flimkien mieghu, lis-sid l-istess vettura. Fil-kawza <u>"Scerri vs Ciantar"</u>, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 2003, intqal *a propositu* illi:

*"Dan ghaliex ukoll huwa pacifiku illi, in linea ta' massima generali, sid ta' vettura li tkun involuta f'incident meta misjuqa minn terzi ma' jwegibx ghad-danni talvolta kagjonati mis-sewwieq. Bhal kull principju generali iehor ir-regola ssofri eccezzjoni bhal per ezempju fejn jirrizulta li l-vettura misjuqa mit-terz ma tkunx assikurata u allura tinsorgi r-responsabilita' solidali anke ta' sid il-vettura (**"Avv. Franz Refalo nomine – vs – Paul Caruana"**, Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1995; **"E. Micallef –***

***vs – Simone Azzopardi”**, Prim’ Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Ottubru, 1994)”.*

*“Kwindi*, il-konvenut Sultana ghandu hu wkoll jinstab responsabbli ghall-incident *in kwistjoni*, u dana *in solidum* mal-konvenut l-iehor.

“Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, jirrizulta li David Frendo kellu 44 sena meta miet. Hu kien jahdem il-Jerma Palace Hotel sal-31 ta’ Awissu, 1998, u fl-1 ta’ Settembru, 1998 kien beda jahdem mal-IT Group (Malta) Limited. Meta kien jahdem fil-Jerma Palace Hotel huwa kellu salarju gross ta’ Lm7,500 fis-sena, fil-waqt li mal-IT Group kellu salarju ta’ Lm640 fix-xahar, u dan meta tqis ukoll l-*overtime*. Kif intqal mill-Qrati taghna, *“L-Income Tax li seta’ hallas id-decujus, ossia d-danneggjat, hija affari ta’ bejnu u bejn il-Gvern li fiha l-obbligat ma jidholx”* – “Muscat vs Schembri”, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 1972. Fil-kawza “Micallef vs Cassar”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-10 ta’ Mejju, 1982, intqal li l-kontribuzzjonijiet li seta’ ghamel id-danneggjat ghan-National Insurance, m’ghandhomx jitnaqsu mill-paga tieghu. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza “Caruana vs Farrugia”, deciza fit-23 ta’ Novembru, 1983, kienet qalet li *“m’ghandu jsir ebda deduzzjoni ta’ PAYE jew ta’ kontribuzzjonijiet tas-Sigurta’ Nazzjonali mill-ammont tad-danni likwidat favur il-parti leza”.*

“Fil-kalkolu tal-paga tad-decujus, wiehed irid jiehu *in konsiderazzjoni* z-zieda potenzjali fid-dhul tieghu (“Apap vs Degiorgio”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Jannar, 1984; “Sultana vs Malta Drydocks Corporation”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta’ Mejju, 1979), u mehud kont tal-potenzjal ta’ avvanz li d-*decujus* kellu mal-kumpanija l-gdida, l-Qorti tqis li s-salarju annwali li fuqu ghandha tibbaza l-kalkolu taghha ghandu jkun ta’ Lm9,000.

“Dwar il-*multiplier*, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, f’kaz ricenti, u *cioe’*, “Caruana vs Camilleri”, deciza fis-27 ta’ Frar, 2004, adottat *multiplier* ta’ 25 ghall-persuna li kellha 30 sena meta sehh l-incident, u dan minhabba l-

kontigenzi tal-hajja futura. Id-*decujus*, f'dan il-kaz, kellu 44 sena meta sehh l-incident, u l-Qorti sejra, allura, tadatta *multiplier* ta' 12.

"Ghar-rigward tad-dritt tal-atturi li jitolbu kumpens wara l-mewt ta' David Frendo, f'sentenza elaborata pronunzjata mill-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppa armla ta' Salvatore Cortis et – vs – Cecil Baker nomine"**, 31 ta' Jannar, 1997, dik il-Qorti, bl-akkoljiment ta' l-enuncjazzjoni fid-decizjoni a **Vol. XXIV P 1 p 900**, kienet irriteniet illi l-azzjoni tas-superstiti hi *"ex jure proprio"*;

"Gie minn dik il-Qorti argomentat illi *"l-fatt li l-legislatur uza l-kelma "eredi" mhix per se konslussiva li l-azzjoni hi moghtija 'jure haereditatis' ghax biex azzjoni tkun tali qabel xejn tkun tirrigwarda xi beni li kien ga fil-patrimonju tad-decujus qabel ma miet… ghalhekk l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-Artikolu 1089 (illum Artikolu 1046) mhix dik li l-eredi fih imsemmija huma vestiti b'dik l-azzjoni bhala dritt lilhom trafuz mill-vittma, izda inveci li, ghalkemm huma jikkonsegwixxu dak id-dritt minhabba l-mewt tieghu, dan isir ope legis u bhala dritt proprio taghhom, li hu koncett sostanzjalment differenti, u ghalhekk mhuwiex dritt recepit mill-massa ereditarja, ghax hawn mhux qed nitkellmu izjed fuq it-trasmissjoni ordinarja lill-eredi tieghu tad-drittijiet minnu akkwistati waqt hajtu taht l-Artikolu 1088 (Artikolu 1045) u li ma kellux zmien jesperixxi ghalih innifsu sakemm miet, izda fuq ordni iehor ta' ideat.";*

"Dan il-hsieb, ghalkemm taht *punto di vista divers*, jattalja ma' dak tal-Qorti Kostituzzjonali Taljana (sentenza numru 372 ta' l-1994) li innegat *"la configurabilita' del cosi' detto danno biologico da morte 'iure hereditario' nell'ipotesi in cui la morte del danneggiato avvenga simultaneamente all'illecito, in quanto la connatazione stessa del danno biologico e' legata alla sopravivenza della vittima. Viceversa se tra l'illecito e il decesso trascorre un apprezzabile lasso di tempo, il diritto a chiedere il risarcimento del danno biologico si trasmette agli eredi"*. Jidher li din l-enuncjazzjoni giet definittivament

konsegwita mill-Qrati kif illustrat mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana C 01/4783 u C 99/1131.

"L-eredi u superstiti tad-*decujus*, f'dan il-kaz, jirrizulta li huma t-tlett atturi, ulied il-mejjet, Laura Formosa, Paula u Karen ahwa Frendo; l-attur Emanuel Formosa, ir-ragel ta' Laura, ma jidhirx li ghandu interess f'din il-kawza, u *kwindi* l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu. Fic-cirkustanzi, peress li l-atturi huma ulied id-*decujus*, m'ghandux issir it-tnaqqis li kien isir li kieku d-*degree of dependancy* kien wiehed baxx.

*"Kwindi*, l-Qorti sejra issa tillikwida l-kumpens dovut. Dan jinhadem hekk:

"Lm9,000 x 12 = Lm108,000

"Minn din il-figura titnaqqas 25% ghal-konsum personali, u l-ammont ridott jigi Lm81,000 (ara "Galea vs Galea", deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Lulju, 2000).

"Peress li l-incident sehh fl-1998, aktar minn sitt snin ilu, il-Qorti, bhala tnaqqis ghal-*lump sum payment,* sejra tnaqqas 10%; b'hekk, l-ammont dovut huwa ta' Lm72,900.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara liz-zewg konvenuti responsabbli *in solidum* ghal-mewt ta' David Frendo, fil-15 ta' Ottubru, 1998, u tikkundanna liz-zewg konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi Laura mart Emanuel Formosa, Karen Frendo u Paula Frendo s-somma ta' Lm72,900 (tnejn u sebghin elf, u disa' mitt liri Maltin) *in linea* ta' danni, bl-imghaxijiet legali dekoribbli mil-lum sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti *in solidum."*

**II. L-APPELL**

3. Il-konvenut appellant Gerald Sultana hassu aggravat b’din is-sentenza u ghalhekk appella minnha b’rikorsipprezentat fis-17 ta’ Mejju 2005. Huwa ressaq zewg aggravji.
Bl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti zbaljat meta kkundannatu jhallas id-danni lill-appellati *in solidum* mal-konvenut l-iehor, meta l-appellant ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni u lanqas biss kien prezenti meta sehh l-incident. L-appellant isostni illi huwa m’ghandux jinzamm responsabbli ghaliex huwa ha hsieb li jinkariga persuna li kien kapaci jsuq xarabank u mill-atti tal-kawza bl-ebda mod ma rrizulta l-kuntrarju. Fil-kaz li dan l-aggravju ma jintlaqghax, bit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jilmenta illi d-danni likwidati mill-ewwel Qorti huma eccessivi u dan minhabba diversi fatturi, fosthom illi s-salarju annwali tad-*decujus,* li gie arbitrarjament iffissat mill-ewwel Qorti, jirrifletti zieda ta’ 20% fuq is-salarju annwali tad-*decujus* fid-data tal-mewt tieghu u anke peress illi fid-data tal-incident ma kienx jezisti *degree of dependency* stante illi l-atturi kienu diga` maggorenni, id-*decujus* kien jghix ghal rasu u bil-kemm kellu kuntatt ma’ uliedu. Ghalhekk, wara li l-konvenut appellant spjega fid-dettal dawn l-aggravji huwa talab li dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talbiet ta’ l-atturi appellati fil-konfront tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Fis-6 ta’ Jannar 2006, l-appellati rrispondew ghal dan l-appell u ghar-ragunijiet imfissra f’din ir-risposta, sostnew illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.
5. Irrizulta li l-konvenut Emanten Spiteri ma ressaq ebda risposta bil-miktub. Madanakollu huwa deher quddiem din il-Qorti fl-udjenza tad-9 ta’ Gunju 2008 u dakinhar id-difensur tieghu ressaq is-sottomissjonijiet tieghu u tratta l-appell. Id-difensuri tal-kontendenti l-ohra wkoll kienu prezenti ghal dik l-udjenza u huma irrimettew ruhhom ghall-atti.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

## Il-fatti saljenti li wasslu ghall-kawza

6. Nhar il-15 ta’ Ottubru 1998 ghall-habta tat-3:15p.m. f’Marina Street, Pieta` sehh incident stradali li fih safa imwegga’ serjament David Frendo ta’ erbgha u erbghin sena li sussegwentement miet fl-isptar San Luqa minhabba l-griehi serji li garrab fl-istess incident. L-imsemmi David Frendo fil-mument tal-incident kien qieghed jaqsam it-triq mit-traffic lights meta safa milqut minn xarabank bin-numru ta’ registrazzjoni FBY - 712 li kienet misjuqa mill-konvenut Emanten Spiteri. A fol. 160 tal-process hemm rapport ipprezentat fl-inkjesta Magisterjali mill-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace, assistit mill-espert tekniku Joseph Zammit. F’dan ir-rapport jinghad hekk:
“hu pruvat li Emanten Spiteri resaq lejn it-*traffic lights* minghajr debita intelligenza. Din trid li driver ikun attent, bi *speed* ridott, ghal meta d-dawl isir ahmar. Huwa baqa’ ghaddej minkejja li d-dwal kienu jimmarkaw ahmar u waqaf wara li laqat lil Frendo u waqaf ‘l hinn mill-*lights*… Ghalhekk Emanten Spiteri hu responsabbli ghall-omicidju involontarju ta’ David George Frendo u bla ebda htija kontributorja da parti tas-sinistrat.” (ara para. 19 u 21 tar-rapport)

7. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li s-sewqan negligenti tal-konvenut Spiteri kien l-kawza prossima tal-mewta tragika ta’ David Frendo. Fil-fatt mill-atti tal-kawza ma jirrizultax illi hemm kontestazzjoni dwar kif gara l-incident u li David Frendo miet bhala konsegwenza ta’ dana l-incident. Jirrizulta mill-atti illi l-konvenut Emanten Spiteri ma pprezentax nota tal-eccezzjonijiet u t-tentattiv li ghamel biex jiggustifika l-kontumacja tieghu (permezz ta’ rikors prezentat fil-mori ta’ l-appell fit-18 ta’ Jannar 2006 - ara fol. 18) ma kellu ebda ezitu ghaliex l-istess rikors gie rtirat minnu fl-udjenza tad-9 ta’ Gunju 2008.

**L-aggravji tal-appellant Gerald Sultana**

8. Kif diga` ntqal l-appellant Gerald Sultana jsemmi zewg aggravji, li fuqhom jibbaza is-sottomissjonijiet tieghu li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata. Fl-ewwel

aggravju tieghu l-appellant isostni illi huwa ma setax jinzamm responsabbli *in solidum* mal-konvenut l-iehor Emanten Spiteri ghad-danni kkawzati lill-atturi appellati *stante* illi huwa ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni. L-appellant jaghmel referenza ghall-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:
"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib."

L-appellant isostni illi ma rrizulta bl-ebda mod illi huwa wettaq xi ghemil li bih ikkawza direttament il-hsara lill-parti l-ohra u konsegwentement ma seta qatt jinzamm responsabbli ghad-danni *in solidum* mal-konvenut l-iehor.

9. L-appellant zied jissottometti li meta huwa ghazel lill-konvenut l-iehor biex isuqlu x-xarabank in kwistjoni, huwa kien ghazel bniedem li kien kapaci li jaghmel xoghol bhal dan. Ghalhekk, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili, huwa ma hux tenut li jwiegeb ghad-danni kkagunati mill-konvenut l-iehor.

10. Ghandu jigi rilevat li l-atturi m'humiex qeghdin jattribwixxu responsabilita` ghall-akkadut lill-appellant fuq il-bazi tal-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili, li allura huwa irrilevanti ghall-appell odjern. *Invece* huma qeghdin isostnu fic-citazzjoni taghhom li n-nuqqas tal-appellant kien ezattament li huwa kien inkariga lill-konvenut Spiteri li jsuqlu x-xarabank in kwistjoni <u>meta dan il-konvenut ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni</u> li l-appellant Sultana hareg fuq ismu stess dwar ix-xarabank in kwistjoni.

11. Dwar il-kwistjoni jekk l-konvenut Emanten Spiteri kienx kopert jew le mill-polza ta' assigurazzjoni mahruga f'isem l-appellant, l-appellant (a fol. 179) xehed bil-mod segwenti:

"Fil-fatt jiena ovvjament ma nistax insuq ix-xarabanks kollha jiena u ghalhekk ghalkemm l-assigurazzjoni issejjah lili dawn dejjem jkunu jkopru lix-xufiera l-ohra wkoll. Fil-15 ta' Ottubru 1998 kien qed isuq ix-Xarabank ix-xufier Emanten Spiteri… …Jiena kont tajtu ix-xarabank FBY 712 sabiex jahdem il-linja u ma ghaddiliex minn mohhi li ma kienx koperta bl-assigurazzjoni ghaliex jien hekk kien minghalija, jigifieri li kien kopert…… sakemm baghtu ghalina l-asigurazzjoni jigifieri l-Omnibus Pool jien kont ghadni minghalija li l-polza ta' l-assigurazzjoni kienet tkopri lil Emanten Spiteri bhala xufier."

12. Illi relevanti ghal din il-kwistjoni tar-responsabilita` tal-appellant bhala sid il-vettura hija x-xhieda moghtija minn **Dr. Anton Felice, Direttur Generali tal-Malta Insurance Association (**a fol. 125) li kkonferma illi x-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni FBY - 712 li kienet misjuqa mill-konvenut Emanten Spiteri dakinhar tal-incident kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni ghal perijodu ta' bejn l-10 ta' Settembru 1998 u l-20 ta' Gunju 1999. Ix-xhud izid jghid illi l-*authorised driver* skond il-polza kienu biss l-appellant u certu Emanuel Schembri u ghalhekk
"**irristringejna l-kopertura ta' l-assigurazzjoni fuq din il-vettura ghal dawk iz-zewg individwi biss**."

Illi l-istess xhud ezebixxa Dok. AF4 ossija dikjarazzjoni iffirmata mill-konvenuti fit-28 ta' Lulju 1999 (a fol. 140) liema dikjarazzjoni giet ikkonfermata mill-appellant fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2004 (a fol. 177).

13. Dina l-Qorti f'dan l-istadju tirreferi ghall**-Artikolu 1033** tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:

"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga illi biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li l-appellant naqas minn obbligu impost fuqu bil-ligi, u cioe` l-obbligu li hu jara li dik il-persuna li hu jinkariga biex issuqlu l-vettura, kienet

debitament awtorizzata skond il-polza ta’ assigurazzjoni vigenti, biex issuq l-istss vettura. Fil-kaz in ezami hareg ampjament mill-provi illi l-appellant hareg polza ta’ assigurazzjoni, izda naqas milli jassigura lill-konvenut l-iehor bhala *authorized driver*.

14. L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi, fosthom dik moghtija fil-kawza fl-ismijiet “**Carmelo Schembri v. John A. Davies et** ” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Gunju 1955 li kien ukoll jirrigwarda incident stradali. Ic-cirkostanzi f’dan il-kaz kienu jixbhu dawk tal-kaz odjern. Dana ghaliex f’dak il-kaz, ghalkemm il-karozza li kkawzat id-danni kienet assigurata bhala *private car*, pero` sidha kriha u intuzat bhala *self drive car*, b’mod li l-assiguratur ma setghax jilqa’ d-domanda ta’ l-attur ghad-danni. Dik il-Qorti kkonkludiet li sid il-vettura, minhabba l-irregolarita` msemmija imwettqa minnu, irrenda ruhu responsabbli solidament ma’ min ikkaguna materjalment dawk id-danni u dan b’applikazzjoni tal-Artikoli 1076 u 1093 tal-Kodici Civili allura vigenti (illum Artikolu 1033 u 1050 tal-Kap.16).

15. L-ewwel Qorti rriferiet ukoll ghas-sentenza moghtija fil-kawza “**David u Rosanne Scerri vs Anthony Ciantar et.**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru 2003. Il-fatti f’dak il-kaz kienu sostanzjalment differenti mill-kaz odjern. Madanakollu, l-parti mis-sentenza citata fis-sentenza appellata tikkontjeni kumment ta’ natura generali li huwa rilevanti ghall-kawza odjerna.

16. Fis-sentenza appellata hemm referenza ukoll ghall-kawza “**Avv. Franz Refalo nomine v. Paul Caruana”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fil-5 ta’ Ottubru 1995 fejn il-Qorti ikkundannat lill-kjamat fil-kawza solidalment mas-sewwieq tal-vettura u dan peress illi:

“Jirrizulta illi l-kjamat fil-kawza kien fil-pussess tal-vettura H-1220 u krieha lill-konvenut u lil siehbu minghajr ma ta kaz li dawn ma kellhomx l-eta` rikjesta mill-polza ta’ l-assigurazzjoni tal-vettura ‘*self drive*’. B’konsegwenza ta’ dan in-nuqqas da parti tal-kjamat fil-kawza il-konvenut ma

kienx kopert bl-assigurazzjoni li taghmel tajjeb ghall-hsara li garrbet il-vettura S-8411, proprjeta` ta' l-attur…."

17. L-appellant jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Antonia Vella v. Joseph Camilleri et.**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1991, u tinnota li huwa ma kienx leali ma' din il-Qorti. Dana ghaliex huwa ghazel li jhalli barra, fis-silta li ccita fir-rikors ta' l-appell tieghu, dak l-kliem uzat minn dik il-Qorti li ma jaqblux mat-tezi li kien qieghed jispjega fl-istess rikors tal-appell tieghu.

18. Infatti minn ezami ta' din is-sentenza johrog car illi dik l-Qorti ma sabitx lill-konvenut Muscat, li fuqu baqghet licenzjata l-vettura misjuqa mill-konvenut l-iehor, responsabbli solidalment mas-sewwieq tal-vettura li kkaguna l-incident, ghaliex ghalkemm l-attrici f'dik il-kawza ppremettiet fl-att tac-citazzjoni li l-kumpanija assiguratrici kienet qed tirrifjuta li thallas id-danni, madanakollu <u>hemmhekk hija ma talbet l-ebda dikjarazzjoni ta' responsabilita' fil-konfront tal-konvenut li kien is-sid tal-vettura minhabba xi inadempjenza tieghu.</u> Fil-kaz odjern, *invece,* l-atturi <u>talbu specifikatament fic-citazzjoni taghhom ezattament fit-tielet talba</u> li l-konvenut Sultana jigi ddikjarat "responsabbli ghall-istess danni stante n-nuqqas tieghu li jara li l-konvenut Emanten Spiteri bhala xufier kien kopert bil-polza ta' assigurazzjoni mahruga fuq ix-xarabank FBY-712." Ghalhekk, dik is-sentenza, kif ukoll l-argument relattiv espost mill-appellant fir-rikors tal-appell, *odjern,* ma jinkwadrawx ruhhom fil-kaz in ezami.

19. Evidentement l-appellant ma jistax jezimi ruhu minn kwalunkwe responsabilita` billi jghid illi huwa ghandu hdax-il xarabank taht idejh u ghalhekk ma jistax isuqhom kollha hu u jkollu jinkariga xufiera ohra sabiex isuqu dawn ix-xarabanks. Huwa obbligu ta' sid il-vettura illi jara illi x-xufiera inkarigati minnu jkunu debitament koperti mill-polza ta' assigurazzjoni. Dana l-obbligu l-appellanti ma wettqux u ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili l-appellant irrenda ruhu responsabbli ghad-danni konsegwenzjali derivanti mill-incident

awtomobilistiku in kwistjoni, flimkien max-xufier, cioe` l-konvenut l-iehor.

20. Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal sa issa dina l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni li wasslet ghaliha l-ewwel Qorti meta rreteniet illi :
"Ghar-rigward tar-responsabilita` tas-sid tal-*bus*, il-konvenut Sultana, jirrizulta li, fuq talba tieghu stess, ix-xarabank in kwistjoni kien giet inxurjata mhux fuq *any driver*, izda biss jekk tinstaq minnu jew minn certu Emanuel Schembri; dik il-vettura ma kienitx koperta b'assigurazzjoni biex tinstaq mill-konvenut Spiteri."

21. Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jipprova jizvolgi argument li l-ebda responsabilita` ma tista' tigi addossata fuqu minhabba n-nuqqas tieghu li jara li l-konvenut l-iehor Spiteri jkun kopert bil-polza ta' assigurazzjoni. Huwa kkontesta l-kumment li ghamlet l-ewwel Qorti meta rriteniet;

"huwa wisq probabbli li l-kumpanija assiguratrici tax-xarabank ma tkoprix il-fatalita` li sehhet b'rizultat ta' dan l-incident"

Huwa jirritjeni li l-pretensjoni tal-atturi jidher li tista' tigi saldata anke b'gudizzju uniku kontra l-konvenut l-iehor li huwa materjalment responsabbli ghall-incident u jaghmel referenza ghall-Artikolu 10 tal-Kap 104 (pero` mhux kif dana l-artikolu kien vigenti meta sar l-incident.)
22. La darba l-assigurazzjoni m'hiex parti f'din il-kawza din il-Qorti tippreferi li ma tikkummenta xejn dwar il-kwistjoni jekk l-assigurazzjoni hijiex obbligata jew le li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi taht il-polza li hareg l-appellant. Li hu car hu li din il-kawza x'aktarx ma kienx ikun hemm bzonn li tigi posposta kieku l-polza kienet tindika lill-konvenut Spiteri bhala *authorised driver.* Dana qed jinghad billi d-dinamika tal-incident kienet tindika inesorabilment r-responsabilita` ghall-akkadut ta' dan il-konvenut, minghajr ebda kontributorjeta` da parti tas-sinistrat. Jidher ukoll li l-kawza odjerna saret, u cioe` kif saret, anke fil-konfrot ta' l-appellant, in segwitu ghall-ittra datata 16 ta' Settembru 1999 (ara fol. 142) mibghuta

lid-difensur ta’ l-atturi minn Dottor Anton Felice, Direttur Generali tal-Malta Insurance Association. Din l-assocjazzjoni tiggestixxi l-Omnibus Pool, li tassigura t-trasport pubbliku, inkluza x-xarabank in kwistjoni. Apparti din il-konsiderazzjoni, ghandu jigi rilevat li l-argument imsemmi fil-paragrafu precedenti, l-appellant qieghed iressqu ghall-ewwel darba <u>issa</u> quddiem din il-Qorti. Infatti huwa ma esponihx la f’eccezzjoni *ad hoc* quddiem l-ewwel Qorti u lanqas fin-nota ta’ osservazzjonijiet li kien gie awtorizzat li jressaq mil-ewwel Qorti (ara fol. 190). Huwa naqas li jipprezentaha din in-naha u b’hekk dina d-difiza ma kienitx quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk mhux permessibbli lill-appellant li issa jressaq din id-difiza f’dana l-istadju inoltrat tal-kawza li issa tinstab quddiem din il-Qorti ta’ revizjoni.

23. La darba l-ewwel aggravju ma jistax jintlaqa’, imiss issa li jigi indagat it-tieni aggravju tal-appellant. Sostanzjalment huwa jilmenta li d-danni li gew likwidati mill-ewwel Qorti huma eccessivi. L-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti iffissat arbitrarjament s-salarju annwali tad-*decujus* fl-ammont ta’ Lm9,000 li jirrifletti zieda ta’ 20% fuq is-salarju annwali effettiv tad-*decujus.* L-appellant isostni illi din iz-zieda hija eccessiva u li mhix marbuta ma’ xi prospetti konkreti ta’ awment fil-futur.

24. Id-*decujus* fil-mument tal-incident kellu erbgha u erbghin sena u sal-31 ta’ Awwissu 1998 kien jahdem mal-Jerma Palace Hotel. Fl-1 ta’ Settembru 1998 huwa kien beda jahdem mal-IT Group (Malta) Limited. Mid-dokumenti ezebiti a fol. 45-52 jirrizulta illi meta huwa kien jahdem mal-Jerma Palace huwa kellu, fis-sena 1997, dhul gross annwali ta’ Lm7,499.76 (a. fol. 51). Meta beda jahdem mal-I.T.Group mill-1 ta’ Settembru 1998 sad-data tal-mewt tieghu fil-15 ta’ Ottubru 1998 skond l-FS3 ghall-imsemmi perjodu ta’ sitt gimghat, (ara fol. 28 tal-process), kellu introjtu gross ta’ Lm959.00 u cioe` ta’ madwar Lm159.83 fil-gimgha u Lm 639.33 fix-xahar ta’ Settembru 1998. Li kieku l-appellant kien baqa’ jahdem fl-istess kumpanija kien jkollu dhul ta’ madwar Lm7,680 li hija vicin hafna ta’ kemm kien kapaci jaqla’ fis-sena ta’ qabel. Ghall-fini tal-kalkolazzjoni tal-*lucrum cessans*, l-ewwel

Qorti ffissat salarju annwali ta' Lm9,000 u cioe` attribwiet zieda ta' Lm1,320. Fil-fehma ta' dina l-Qorti din is-somma ma tidhirx li hija eccessiva stante illi wiehed jrid jiehu in konsiderazzjoni l-effett tal-inflazzjoni kif ukoll dawk iz-zidiet fil-futur illi l-appellant kien mistenni jippercepixxi mill-kumpanija li kienet thaddmu tenut kont tal-fatt illi huwa kien ghadu kemm beda jahdem f'din il-kumpanija u certament kien ser javvanza maz-zmien fl-impjieg tieghu.

25**.** L-appellant jilmenta ukoll illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta irriteniet illi l-atturi, bhala ulied d-*decujus,* ma kellhomx *degree of dependency* baxx. L-appellant isostni illi d-*degree of dependency* kien inezistenti. L-appellant jissottometti illi ulied d-*decujus* ma kienux jiddependu mid-*decujus* ghaliex kienu maggorenni u ghalhekk il-mewt ta' missierhom ma affettwathomx negattivament mil-lat finanzjarju. L-appellant jirreferi ghall-kawza fl-ismijiet "**Anthony u martu Margaret Turner et. v. Francis Agius et.**" (120/94) deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru 2003 fejn din il-Qorti kienet naqqset d-danni *da liquidarsi* b'zewg terzi ($^{2}/_{3}$) stante illi ma kienx jezisti *degree of dependency*.

26. Fl-atti ta' din il-kawza ma jirrizultax illi l-atturi gabu xi prova dwar id-*degree of dependency* u cioe` jekk huma kienux li kienu b'xi mod qeghdin jiddependu minn missierhom finanzjarjament. Lanqas fir-risposta taghhom l-atturi ma jirrispondu ghal din il-kwistjoni tad-*dependency issue* sollevata fir-rikors tal-appell tal-konvenut Sultana. Skond dikjarazzjoni mhejjija min-Nutar Anthony A. Abela (a fol. 108) jirrizulta illi l-atturi nisa huma l-eredi tal-mejjet David Frendo. Mill-atti jirrizulta wkoll li bintu Paula Frendo hija xebba filwaqt li z-zewg ulied l-ohra Karen u Laura huma mizzewwgin. Ma jirrizulta minn imkien jekk ix-xebba Paula Frendo hijiex tahdem jew jekk kienitx dependenti fuq missierha. Kien jispetta lill-atturi illi jgibu prova dwar jekk kienux qeghdin jiddependu mid-dhul ta' missierhom *o meno* fid-data tal-mewt tieghu.

27. Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi l-ewwel Qorti, fin-nuqqas ta' provi dwar dana l-aspett ma setghetx tassumi li l-atturi kienu jiddependu minn missierhom. Din il-Qorti

jidhrilha illi l-appellant ghandu ragun jilmenta f'dan in rigward u ghalhekk ghandu jkun hemm tnaqqis tal-*quantum* tad-danni minhabba l-fattur tad-*degree of dependency.* Madanakollu, it-tnaqqis m'ghandux ikun ta' zewg terzi ($^{2}/_{3}$) kif qed jippretendi l-appellant fuq l-iskorta tal-imsemmija sentenza Turner v. Aguis. Dana ghaliex f'dak il-kaz id-*decujus* kienet tfajla ta' sbatax (17)-il sena li fil-kors normali tal-hajja, kieku baqghet tghix kienet tiehu l-istat taghha, tifforma familja u l-genituri taghha u hutha x'aktarx li ma kienux sejrin ikunu l-eredi taghha. Fil-kaz odjern l-atturi nisa fil-kors normali tal-hajja, certament kien mistenni li jirtu lil missierhom meta dan imut. Minhabba l-incident meritu tal-kawza, dawk l-atturi wirtu lil missierhom qabel kien mistenni, b'mod li sehemhom mill-hajja lavorattiva ta' missierhom safa sostanzjalment imnaqqas. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li tnaqqis ta' zewg terzi ($^{2}/_{3}$) huwa wiehed eccessiv u ghalhekk *arbitrio boni viri* jidhrilha li tnaqqis ta' terz (1/3) huwa aktar ekwu u gust. Ghalhekk l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti ghandu jigi ridott b'terz ($^{1}/_{3}$) u cioe` minn Lm108,000 jitnaqqas ghal Lm72,000.

28. Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti dwar il-kumplament tal-komputazzjoni u cioe` dwar kif gie ikkalkolat il-konsum personali fl-ammont ta' 25% u kif tnaqqas l-ammont b'10% bhala *lump sum payment* stante illi din hija l-prassi tal-gurisprudenza f'din il-materja. Ghalhekk jirrizulta illi l-***lucrum cessans*** qed jigi stabbilit fl-ammont ta' Lm46,800 li huma ekwivalenti ghal €109,014.68.

29. Ghal dawn ir-ragunijiet, u fis-sens premess tilqa' *in parte* l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iz-zewg konvenuti instabu responsabbli *in solidum* ghad-danni kagunati lill-atturi ahwa Frendo bil-mewt ta' David Frendo fil-15 ta' Ottubru 1998, tirrevoka dik l-parti tal-istess sentenza appellata fejn jinghad li d-danni li ghandhom iwiegbu ghalihom il-konvenuti huma ta' Lm72,900 u fejn ikkundannathom ihallsu din is-somma, u minflok tikkundanna liz-zewg konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi Laura Formosa, Karen Micallef

(gia Frendo) u Paula Frendo, is-somma ta’ mija u disat elef u erbatax il-Ewro u tmienja u sittin Ewro Centezmi (€109,014.68) *in linea* ta’ danni, kif fuq spjegat, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza tat-28 ta’ April 2005 sal-pagament effettiv. U billi hemm lok ghal temperament fil-kap ta’ l-ispejjez, tordna li l-ispejjez ta’ zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) mill-atturi u in kwantu ghar-rimanenti disghajn fil-mija (90%) mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------